**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Ottubru, 2015

Rikors Guramentat numru : 210/14 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-attur zzewweg lill-konvenuta fl-14 ta' Awissu 2009 fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg hawn anness u markat **Dok A**;

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-konvenuta inkiseb b'biza u kien frott il-biza taghha minn certu cirkostanzi partikolari kif ser jigi spjegat hawn isfel;

3. Illi dan il-biza immanifestat ruhha meta l-konvenuta riedet illi tizzewweg lir-rikorrent sabiex tkun tista titlaq mid-dar tal-ġenituri taghha ghaliex il-konvenuta kemm-il darba stqarret mar-rikorrent illi hija kienet issikata fid-dar tal-genituri taghha;

4. Illi dan il-kunsens tal-konvenuta kien frott il-biza ghaliex hija dejjem sostniet mal-attur illi fil-kuntratt fuq kura, kustodja u manteniment li hija kellha fuq il-wild taghha mal-eks sieheb taghha, hemm stipulat illi hija ma tistax tkun bit-tifla taghha fil-prezenza ta' terzi u allura ma setghetx ikollha relazzjoni jekk hija ma tkunx mizzewga, liema raguni kienet il-kawza principali li l-kontendenti zzewgu wara biss sitt (6) xhur jafu lil xulxin;

5. Illi l-konvenuta ma kienitx tista tghix mal-attur jekk hija ma tizzewwigx, ghaliex fl-assenza li hija ma tizzewwigx kienet tiskatta l-klawsola li hija kienet issostni li kien hemm fil-kuntratt mal-eks sieheb taghha li minnu hija kien kellha tarbija qabel bdiet ir-relazzjoni mar-rikorrent, fis-sens li skont l-intimata, kien hemm stipulat illi hija ma tistax tkun fil-prezenza ta' terzi fid-dar li tghix mat-tifla jew altrimenti tkun bit-tifla taghha fil-prezenza ta' terzi;

6. Illi allura, in rilevanza ma paragrafi 2,3 u 4 ta' dan ir-rikors, dan iz-zwieg huwa null u  bla effett minhabba li l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, fis-sens li hija kienet aktar mohhha li titlaq mid-dar milli ghaliex verament riedet tizzewweg lilu, ghaliex kif spjegat fuq, fil-kors tal-hajja mizzewga kien irrizultalu illi l-konvenuta fir-realta' riedet li tizzewweg minhabba r-ragunijiet moghtija f'paragrafi 2, 3, 4, 5 u mhux ghax, wara biss (6) xhur relazzjoni, hija verament riedet tizzewweg lilu sabiex tidhol f'hajja ta' zwieg dejjiemi;

7. Illi ghalhekk dan il-qerq immanifesta ruhu minnha fil-konfront tieghu sabiex il-konvenuta tikseb il-kunsens tieghu ghaliex kienet taghmillu pressjoni kontinwa sabiex jizzewgu mentri fil-fatt, kien irrizulta meta kien inqala' l-

inkwiet bejniethom fil-hajja mizzewga, illi fil-verita' l-konvenuta riedet illi tizzewweg lilu sabiex tkun tista titlaq mid-dar tal-genituri taghha u tkun tista tghix mieghu minghajr ma tiskatta l-klawsola li hija kienet tghid li kien hemm fil-kuntratt mal-eks sieheb taghha li minnu hija kien kellha tarbija fis-sens li kien hemm stipulat illi hija ma tistax tkun fil-prezenza ta' terzi fid-dar li tghix mat-tifla jew inkella tkun bit-tifla taghha fil-prezenza ta' terzi;

8. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

9. Illi fil-verita` l-attur QATT ma ried jizzewweg ghaliex kien ghadu hiereg minn relazzjoni mal-ewwel siehba li kellu, minn liema relazzjoni huwa kellu tarbija u meta ltaqa` mal-konvenuta huwa kien ghadu mkisser emozzjonalment minhabba l-ewwel relazzjoni li kienet spiccat hazin hafna waqt li fil-konfront tal-konvenuta r-rikorrenti ma kienx ghadu jhossu zgur mill-imhabba u l-emozzjonijiet tieghu lejha u mir-relazzjoni taghhom, tant li meta zzewgu kienu ghadhom biss sitt (6) xhur jafu lil xulxin u allura ma kienx ghadu zgur f'dak li huwa kompatibilita` ta` karattru taghhom;

10. Illi fil-verita' l-attur eskluda z-zwieg nnifsu ghaliex kien ta l-impressjoni li huwa lest sabiex jidhol f'relazzjoni taz-zwieg meta fil-fatt huwa ma riedx jizzewweg u di fatti sfurzatu sabiex jizzewwigha ghar-ragunijiet li qeghdin jigu spjegati f'dan ir-rikors, huwa kien accetta, mentri fir-realta' aktar kien qieghed juza r-relazzjoni ta' bejniethom sabiex ihossu imwennes u mhux wahdu (feeling lonely);

11. Illi l-attur aktar accetta li jizzewweg lill-konvenuta sabiex ma jitlifx ir-relazzjoni ta' hbiberija li kellu mal-konvenuta sabiex hekk jahrab mill-hajja mtajra li kien qabad wara li l-ewwel relazzjoni li kien kellu u li minnha kien kellu tarbija, kienet sfaxxat ghaliex kien qabad lil l-eks siehba tieghu f'relazzjoni intima ma persuna ohra

hbieb tieghu, liema episodju halla fuqu xokk kbir u hallieh ghal ammont twal ta' xhur dizorjentat, rrabjat, mweggha u minghajr hajra li jkollu skop f'hajtu;

12. Illi tant c-cerimonja kienet biss formalita` illi wara c-cerimonja ghamlu Bar-B-Que fuq il-bejt tal-genituri tal-attur minghajr l-insaputa tal-genituri rispettivi li ma kienux jafu illi l-partijiet zzewgu;

13. Illi meta l-partijiet zzewġu lil xulxin huma kien ghad kellhom biss tlieta u ghoxrin (23) sena li sa dik l-eta` kien diga kellhom tarbija ohra minghand ekx sieheb taghhom u kienu jhossuhom b'toqol kbir li diga kellhom wild minn haddiehor f'eta` tenera;

14. Illi l-attur, fil-mument tal-kunsens, fix-xhur ta` qabel u anke ta` wara ma kellux raguni intellettwali jew rieda bizzejjed biex jaghti l-kunsens ghaz-zwieg stante li kien ghadu taht l-effett tal-vizzju tad-droga;

15. Illi in rilevanza ma' punt numru erbaghtax (14), irid jinghad illi meta huma kienu marru sabiex jaghtu l-kunsens taz-zwieg lil xulxin fir-Registru Pubbliku huwa kien ghadu ma rkuprax totalment mill-vizzju tad-droga, fil-waqt li meta ftit tax-xhur wara kien dahal fil-Knisja Parrokjali ta` Marsaskala huwa kien xurban hafna tant li ma kienx qieghed jikkoncentra;

16. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikolu 19 (1) (a), (c), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab ghar-ragunijiet hawn premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-14 ta' Awissu 2009, huwa null u minghajr effett ai termini ta' l-Artikolu 19 subartikolu (1) paragrafi (a), (c), (f) u (h) ta' l-Att XXXV11 ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi t-talbiet kif esposti ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi fl-ewwel lok ma jirruzultawx l-estremi rikjesti mill-ligi kif ravvizati fil-predispost ta’ l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, bid-dovut rispett jekk kemm-il darba l-attur hass li kien taht pressjoni minn martu sabiex jizzewweg, ma ghandux jinvoka l-artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, fit-tentattiv tieghu sabiex jekk ma jolqotx wahda mid-dispozizzjonijiet ta’ nullita’ allura jipprova jolqot dispozizzjoni ohra;
4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent umilment tikkontendi illi jekk kien hemm l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga kif ravvizat ai termini ta’ l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255, din tista’ tigi imputata biss lir-rikorrent ghaliex l-esponenti riedet illi tinghaqad fiz-zwieg ma zewgha u tghix il-hajja mizzewga bhala familja. Il-fatt illi ma kellhomx il-mezzi sabiex jaghmlu is-solita festa taz-zwieg bl-ebda mod ma xxejjen l-intenzjoni serja taghha;
5. Illi jekk se mai jirrizulta illi ir-rikorrenti kient taht l-effett tad-droga u fis-sakra meta ta il-kunsens tieghu biex jizzewweg, kif ikkonferma bil-gurament tieghu, allura hemm lok illi dawn il-fatti jigu riferuti minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir l-investigazzjoni necessarja. Illi f’dan l-isfond jinghad illi il-konvenuta hi ferm sorpriza illi jekk in pessima ipotezi, l-attur vera kien

mahkum mid-droga, dan il-fatt baqa' mistur minnha sa llum;

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur u l-intimata datat l-14 ta' Awwissu 2009 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(a) u /jew 19(1)(c) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1) (h) tal-Kap 255.

**Il-verzjoni tal-attur**

Permezz tax-xiehda tieghu[1], l-attur jghid li ltaqa' mal-intimata fl-14 ta' Frar ta' hames snin ilu u zzewgu f'Awwissu tal-istess sena. Jispjega li kien inqala' incident fejn kien mar ragel ihabbat id-dar u l-intimata infurmatu li ma setghetx tmur tghix mieghu bit-tifla li kellha minn relazzjoni precedenti. Jghid li ma jafx ghaliex ma setghetx tmur tghix mieghu minghajr ma jizzewgu izda mbaghad jghid li ma setghux jghixu flimkien ghaliex l-ex partner taghha kien ser jihdilha t-tifla u ghalhekk accetta li jizzewweg. Mistoqsi mill-Qorti jekk riedx jizzewweg jghid li ma jahsibx ghaliex ma kienx qed jahseb car. Mistoqsi mill-Qorti jekk dak inhar taz-zwieg kienx fis-sakra, jghid li le filwaqt li meta mistoqsi mill-Qorti wkoll dwar jekk kellux il-vizzju tad-droga jghid li meta ltaqa' mal-intimata kellu dan il-vizzju  ghaliex kien

[1] Datata l-11 ta' Frar 2015 esebita a fol 27 tal-process

jiehu l-kokaina u l-haxixa izda hareg minn dan il-vizzju wahdu. Fiz-zmien li l-partijiet izzewgu kellu impjieg fiss u kien ihallas il-kera. Jispjega li fiz-zwieg kien jaghtiha l-paga kollha b'dan li l-intimata ma kienitx tahdem u kienet tipperceppixxi manteniment ghal bintha minghand missier l-istess tifla. Jghid ukoll li ma kienx ikellem lill-genituri tieghu jew jiftah qalbu maghhom ghaliex kien inqata' ghalih wahdu. Fil-frattemp kellhom tarbija izda rrealizzaw li ma kienu jaqblu fuq xejn b'dan li l-attur irrealizza li z-zwieg ma kellux ikun. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex iz-zwieg ma rnexxiex, l-attur jghid li t-tort taghha ghaliex ghagglu biex jizzewgu u t-tort tieghu ghaliex ma setax ihobbha aktar u bired minnha.

Mistoqsi jekk qabel iz-zwieg ivverifikax jekk verament il-kuntratt ta' kura u kustodja kien jistipulax xi klawsola li permezz taghha l-intimata ma setghetx tesponi lit-tarbija taghha ghal terzi persuni, l-attur jghid li ma vverifikax. Jiddikjara li dak inhar taz-zwieg kien ghadu bil-vizzju tad-droga, kien ghadu qed jaqa' u mentalment kien ghadu mkisser anke ghaliex ghandu tarbija wkoll minn relazzjoni precedenti. In kontro-ezami[2], l-attur jghid li l-intimata kienet taf li kellu xi vizzju. Mistoqsi fuq ix-xorb dakinhar taz-zwieg (bil-knisja) jghid li kien xorob ghaliex kien nervuz u tat-taxi hadu jiehu drink. L-attur jistqarr li ha madwar tliet (3) *whiskeys straight* qabel it-tieg li ma gabuhx fis-sakra ma jarax art, imma jammetti li kien imlahlah. Jammetti li minhabba l-fatt li l-ex mahbuba tieghu u l-fatt li biddlitu ma' habib tieghu issa ma jafdax. La jafda lill-intimata u lanqas lil tal-familja tieghu. Mistoqsi dwar il-pressjoni li allegatament ghamlitlu l-intimata, l-attur jerga' jispjega li kien inqala' incident fejn missierha mar ghandu fid-dar li kien qed jikri u l-intimata spjegatlu li ma setghetx tghix mieghu bit-tifla. Kien ghalhekk li ddecidew li jizzewgu. Jghid li ra li din kienet l-ahjar soluzzjoni ghalihom. Jikkonferma li jkellem psikjatra fuq il-kwistjoni li ma jafdax u qed ihoss li qed tghinu minkejja li jistax ikun stabbli peress li ghad ghandu *issues* u kien ikollu argumenti fuq hekk. Jghid li jhoss li fiz-zwieg inbidlu r-rwoli b'dan li hu ha r-rwol tal-mara (peress li kien jaghtiha l-paga kollha u jzomm xi haga

[2] Ara a fol 44 tal-process

zghira tal-flus) filwaqt li kienet tiehu hsieb kollox (anke biex izzommu lura minn xi vizzju).

## Il-Verzjoni tal-intimata

Permezz tax-xiehda taghha in subizzjoni, l-intimata[3] tghid li l-attur ried jizzewweg ghaliex ried familja bhal familja taghha peress li l-genituri taghha ilhom flimkien hafna snin. Tichad li hemm xi klawsola fil-kuntratt ta' kura u kustodja tat-tifla taghha li jimpediha milli jkollha xi relazzjoni ohra. Tispjega li fiz-zwieg kienu familja, b'dan li kienet tlesti l-ikel u kienu jieklu flimkien, izda mbaghad beda ma jmurx id-dar wara x-xoghol dritt. Kien jispicca fil-hdax ta' filghaxija u sas-saghtejn ta' filghodu kien ghadu ma marx lura filwaqt li hi kienet tistennih bhal ruh id-dar. Dwar jekk ghamlitx pressjoni fuq l-attur biex jizzewgu, l-intimata tghid li kien l-attur stess li xtralha c-curkett u li d-decizjoni li jizzewgu haduha flimkien. Tichad ukoll li kienet tghid lill-attur li jekk mhux ser jizzewwigha ser ikollha titlaq mid-dar ta' missierha. Tispjega wkoll li mbaghad f'Dicembru tal-istess sena li zzewgu bic-Civil, izzewgu bil-Knisja u harget tqila bit-tarbija taghhom. L-attur kien ferhan b'din it-tqala.

## Il-Provi Migbura

Permezz tal-affidavit tieghu, Ruby Dawn Caruana[4] jghid li meta l-attur huh kien ser jizzewweg kellu konversazzjoni mieghu fejn l-attur stqarr mieghu li minkejja li ma riedx jizzewweg ma kellux ghazla ohra hlief li jikkuntenta lill-intimata. L-attur kien stqarr mieghu li l-intimata kellha argument ma' missierha u ma kellhiex ghazla ohra hlief li titlaq mid-dar. Jispjega wkoll li peress li l-intimata kellha tarbija minn relazzjoni precedenti, hasset li kellha tizzewweg ghaliex inkella l-ex taghha jihdilha t-tarbija. Jispjega li l-attur hass li ma kienx hemm triq ohra, thassar lill-intimata u zzewwigha. Jispjega li d-decizjoni ahharija baqghet dejjem tal-attur, pero' jzid jghid li l-istess attur ghandu karattru li l-ewwel jikkuntenta lil ta' madwaru u mbaghad jahseb fih innifsu.

---

[3] Ara x-xhieda taghha datata l-5 ta' Mejju 2015 esebita a fol 37 tal-process

[4] Liema affidavit jinsab esebit a fol 18 tal-process

Jghid ukoll li maz-zmien u cioe' wara z-zwieg sar jaf kemm l-intimata hija ta' karattru manipulattiv. Jaghlaq billi jghid li z-zwieg tal-partijiet sar b'mod mghaggel, sfurzat u fi zmien meta l-attur kien f'zewg sitwazzjonijiet difficli u skomdi u cioe' wahda li kien ghadu kif johrog minn relazzjoni u l-ohra li ghandu qalbu zghira.

Permezz tal-affidavit tieghu, Maurice-John Caruana[5] jghid li ibnu l-attur u l-intimata zzewgu f'temp ta' sitt (6) xhur minn mindu saru jafu lil xulxin. Jispjega li ma kienx jaf li ibnu ser jizzewweg b'dan li lanqas il-genituri taghha ma kienu jafu. Saru jafu kollox xi ftit gimghat qabel iz-zwieg fejn ibnu ried ikun jaf jekk ridux imorru ghac-cerimonja. Jispjega li bhala missier hass li ibnu kien qed jghaggel u jghaffeg flimkien mal-intimata u staqsieh ghaliex din l-ghaggla kollha, specjalment minhabba l-fatt li l-intimata diga' kellha tarbija minn terza persuna. Ix-xhud dejjem hass li dan iz-zwieg kien ser isolvi l-problemi tal-hajja tal-intimata ghalkemm jistqarr li qatt ma ra l-kuntratt ta' kura u kustodja li kellha l-intimata ma' missier it-tarbija. Hass li dan iz-zwieg kien mghaggel u li kien hemm element ta' pressjoni da parti tal-intimata, specjalment minhabba l-fatt li ibnu kien ghadu kif johrog minn relazzjoni serja u kien emozzjonalment vulnerabbli meta ltaqa' mal-intimata. Jispjega li anke meta ibnu kien jikkoregi lil bintha, kienet tiksru quddiemhom. Kien ihoss li l-intimata ma kienitx tiddixiplina lil bintha (li dak iz-zmien kellha madwar tmien (8) snin) sew, izda jghid li l-intimata kienet tirrispondih billi tghid li hu ma jafx xi tfisser li trabbi tarbija minghajr missier. Jghid li dejjem hass li ibnu ma riedx jizzewweg daqshekk malajr ghaliex l-ghaggla kienet gejja mill-intimata u meta staqsa lill-ibnu r-raguni ghaliex ser jizzewgu daqshekk malajr ir-risposta li tah kienet 'heq issa hekk ser isir!' u dan b'ton li tah x'jifhem li ma kellux kontroll fuq dan il-fatt ghax ried joghgob lill-gharusa tieghu meta hu kien emozzjonalment fragli hafna.

[5] Liema affidavit jinsab esebit a fol 20 tal-process

Permezz tal-affidavit taghha, oht l-attur, Jade Caruana[6], tghid li hi u l-intimata qatt ma qablu ghaliex mill-ewwel indunat li l-intimata hija manipulattiva. Tispjega li kienet hi biss li kienet tara lill-intimata b'dan il-mod u kienet tidher kerha ma' huha ghax kienet qed tidher qisha qed taqla' l-inkwiet. Meta saret taf li huha l-attur kien ser jizzewweg haditha kontrih ghaliex dehrilha li kien ser jaghmel zball kbir. Fil-fatt ma marritx ghaz-zwieg. Tghid li dejjaqha l-fatt li l-intimata hadet 'over' id-dar t'ommha. Meta l-attur kien jikkoregi lil bintha (minn relazzjoni precedenti), l-minuri kienet tirrispondih 'kemm int antipatku' jew 'kemm int iblah' u minflok mal-intimata kienet tikkoregiha kif suppost kienet tidhak u taqbel ma' bintha. Ix-xhud tispjega li l-attur kien sar qisu l-pupu tal-intimata u taghlaq billi tghid li fl-opinjoni taghha z-zwieg missu qatt ma sar ghaliex kien mghaggel u l-bazi tieghu kien sfurzat u mbazwar. L-attur ma kienx f'posizzjoni tajba u kien vulnerabbli wara li kien spicca minn relazzjoni serja, tant li ma kienx kapaci jiehu decizjonijiet f'waqthom ahseb u ara decizjoni ta' din l-importanza.

## Il-Mertu tal-Kaz odjern

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar l-14 ta' Awwissu 2009 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 6 tal-process.

F'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-aggravji li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna. Dwar l-Artikolu 19(1)(a) tal-Kap 255, il-Qorti trid tistaqsi jekk kienx hemm pressjoni biex jigi celebrat dan iz-zwieg u jekk tali pressjoni tammontax sa' dak il-grad li tesigi l-ligi u skond dak li gie stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-mistoqsija hija jekk tali biza' kienitx tammonta ghal dik il-biza' hekk kif hija necessarja sabiex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null abbazi tal-artikolu 19(1)(a) tal-Kap 255. Dan qieghed jinghad ghaliex fil-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[7]**,** il-Qorti tat spjegazzjoni ta' x'tip ta' biza' trid necessarjament tigi ppruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem l-Onorabbli Qorti, "***Biex pressjoni***

---

[6] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 23 tal-process

[7] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***” u zzid tghid li “***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid***”***.***

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-attur jghid li l-intimata ghamlitlu pressjoni ghaz-zwieg, tali pressjoni (ghalkemm il-Qorti m’hijiex konvinta lanqas mill-fatt li l-intimata ghamlet din il-pressjoni kollha li jsemmi l-attur stess *stante* li hu stess jammetti li xtralha c-curkett u ried ikun romantiku), ma tammontax ghal theddida skond il-gurisprudenza citata hawn fuq. L-attur, seta’ fehem li l-intimata riedet li tintrabat fiz-zwieg ghal xi raguni u kien jaf li kellu ghazla. L-fatt li jishaq kemm ma riedx jaraha tbati jkompli jikkonferma kemm fil-fatt hu ried jizzewwigha biex ma jkunx hemm inkwiet. Anke wiehed minn hutu jghid li d-decizjoni ahharija baqghet dejjem tal-attur stess li jizzewweg. Ghalhekk il-Qorti tara li m’hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex tilqa’ t-talba ghal dikjarazzjoni ta’ annullament abbazi ta’ dan l-Artikolu *stante* li hemm l-estremi citati aktar ‘il fuq ma jirrizultawx.

Illi dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe’ li l-kunsens tal-attur inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga,  il-Qorti tirrileva li mill-provi prodotti, ma jirrizulta ebda qerq da parti tal-intimata. Ma hemm ebda prova li l-intimata hbiet xi haga mill-attur. Huwa minnu li l-attur isostni li kien hemm xi diskors fis-sens li l-intimata ma setghetx tghix mieghu minghajr ma tizzewweg minhabba xi klawsola fuq il-kuntratt ta’ kura u kustodja, pero’ dan huwa fatt li seta’ facilment gie kkorabborat. Izda l-attur lanqas biss ra tali kuntratt. Fuq kollox mix-xiehda tieghu jirrizulta car li tali kwistjoni ma kienitx ir-raguni principali ghaliex l-partijiet izzewgu izda zzewgu ghaliex iddecidew hekk. Veru li ma jidhirx li l-

partijiet hasbu sew fuq dan il-pass tant importanti, pero’ dan ma jwassalx ghal qerq ghaliex ma kienx xi element li l-attur ma kienx jaf bih jew li ma setax jigi vverifikat. F’dan l-istadju, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[8] fejn gie dikjarat li “***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***”. Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[9] gie sostnut ukoll li “***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***”.

Il-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attur ma ressaqx provi sufficjenti li juru li l-elementi necessarji msemmija fil-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq gew sodisfatti u ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa t-talba attrici abbazi ta’ dan l-Artikolu.

---

[8] Deciza nhar id-9 ta’ Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili
[9] Deciza nhar id-09 ta’ Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-attur inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova ta' xi forma ta' simulazzjoni jew eskluzjoni taz-zwieg, anke jekk b'mod parzjali. L-attur jghid fir-rikors promotur tieghu li qatt ma ried jizzewweg pero' mbaghad fix-xiehda tieghu ma jikkorrabborax dan ghaliex jghid li zzewweg biex jaghmel lill-intimata ferhana u biex ma jarahiex tbati. Mhux talli ma riedx jizzewweg talli kkonferma d-decizjoni tieghu meta zzewweg bil-knisja wkoll sitt xhur wara z-zwieg bic-Civil. Huwa ferm difficli li wiehed jemmen li persuna li eskludiet iz-zwieg taccetta li terga' tizzewweg bil-knisja. Forsi l-argument tal-attur kien ikun aktar mibni tajjeb li kieku invoka l-Artikolu 19(1)(d) ghaliex dahal ghal zwieg minghajr ebda hsieb u b'ritmu mghaggel immens pero' xejn ma juri li kien hemm xi forma ta' simulazzjoni da parti tieghu – anke ghaliex *ex-admissis* jghid li ried li jkollu familja.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[10] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva li l-attur ma rnexxilux igib prova li permezz taghha jipprova li z-zwieg taghhom kienx null u bla effett abbazi ta' dan l-Artikolu.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(h) u cioe' li l-kunsens tal-attur kien vizzjat stante li ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex

[10] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

jinholoq kunsens ghaz-zwieg, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Briffa Emmanuel Vs Briffa Veronica Et**[11] fejn b'referenza ghall-Artikolu hawn citat, gie ritenut li "***Meta parti tkun qed taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg hi ghandha tgawdi grad ta' liberta` psikologika li tkun necessarja u sufficjenti li tassigura l-poteri bazici ta' l-ghazla***". Ghalhekk, sabiex jigi ppruvat li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ta' dan l-Artikolu, kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li fil-hin tal-kunsens, l-intimat ma setax jaghti kunsens liberu u ma kellux rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Il-Qorti tirrileva li minkejja li in kontro-ezami l-attur jaghzel li ma jixhidx fuq l-istat li kien fih dak inhar li ta l-kunsens, fl-ewwel xiehda tieghu jammetti li f'dak iz-zmien kien ghadu jaqa' ghall-vizzju u kien ghadu ma harigx mill-problema. Dan il-fatt hekk kif kombinat mal-fatt li l-attur ghad ghandu *issues* li ghadu qed isolvi u kombinat mal-fatt li kellu relazzjoni precedenti li marret hazin immens (u li minhabba f'hekk kien emozzjonalment vulnerabbli hafna u ma kienx jafda – kif wara kollox ghadu ma jafdax sal-gurnata tal-lum) juri li l-attur ma kellux setghat intelletwali bizzejjed biex jaghti kunsens liberu ghaz-zwieg. Id-droga, l-emozzjonijiet, il-vulnerabbilita' tieghu u l-*issues* personali tieghu wassluh f'sitwazzjoni fejn l-attur ma setax jaghti kunsens ghaz-zwieg.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[12] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le u jidher car li dak inhar taz-zwieg (Civili), l-attur kien ghadu taht il-problema tad-droga li flimkien mal-aspetti l-ohra li diga' ssemmew ma setghux iwasslu lill-attur ghal kunsens hieles.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255.

---

[11] Deciza nhar it-2 ta' April 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[12] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella-Baldacchino
Deputat Registratur